

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-politiki futuri tal-UE dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni

(2014/C 271/06)

Relatur	is-Sinjura Håkansson Harju (SV/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Järfälla
Dokumenti ta' referenza	Ewropa miftuħa u sikura: kif nagħmluha realtà COM(2014) 154 final L-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020 – It-Tisħiħ tal-Fiduċja, tal-Mobbiltà u tat-Tkabbir fl-Unjoni COM(2014) 144 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI****Rakkomandazzjonijiet ġenerali**

1. jilqa' b'sodisfazzjon l-għan tal-Kummissjoni li tikkonsolida l-progress li sar fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni permezz ta' implimentazzjoni adatta u monitoraġġ effettiv. Fl-istess ħin, jenfasizza li r-riżultat ta' konsolidazzjoni bħal din jista' jfisser miżuri legiſlattivi addizzjonali li jirrispettaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità biex jimtlew il-lakuni eżistenti u jippermettu li l-UE tindirizza l-isfidi globali ġodda b'mod iżjed flessibbli;
2. huwa tal-fehma li enfasi iżjed b'saħħitha fuq l-impenji tal-UE fir-rigward tad-drittijiet fundamentali għandha tħalli impatt ġenwin fil-livelli kollha. B'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tagħha, l-UE trid tkompli tiżviluppa aktar il-ħidma tagħha f'dan il-qasam sabiex tibqa' żona miftuħa u sigura msejsa fuq ir-rispett komuni tad-drittijiet fundamentali;
3. f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni Ewropea żviluppat qafas biex tindirizza t-theddid sistemiku kontra l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li l-istat tad-dritt u l-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi huma prerekwiżiti għall-implimentazzjoni u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni ⁽¹⁾;
4. huwa tal-fehma li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tirrikonoxxi kemm drittijiet fundamentali li jappartjenu għal kulħadd kif ukoll drittijiet speċifiċi għaċ-ċittadini tal-UE. Sabiex dawn id-drittijiet kollha jsiru realtà għall-individwi, tinhtiegħ ħidma sostanzjali f'diversi livelli fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol fundamentali, attiv u li jħares lejn il-ġejjieni;
5. jenfasizza li huma l-komunitajiet lokali li jibnu s-sisien ta' soċjetà inklużiva b'rispett ġenwin għad-drittijiet fundamentali u, għalhekk, anke soċjetà kkaratterizzata mill-opportunitajiet indaqs, id-diversità u l-ħarsien tal-iżjed persuni vulnerabbli. Fl-istess ħin, huwa wkoll fil-livell lokali u reġjonali li l-isfidi fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni joħorġu l-iżjed fid-dieher u l-effetti tagħhom fuq l-individwi huma l-iżjed ċari;
6. jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li jiġu adottati strumenti legali komplementari li jiffaċilitaw il-ħajja taċ-ċittadini u jikkontribwixxu għat-tkabbir, bil-kundizzjoni li ma jkunux superfluwi, ikunu effettivi u jiffavorixxu kemm jista' jkun possibbli l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-qafas legiſlattiv attwali. Tfassil aħjar tal-liġijiet jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, fid-dawl tal-fatt li jiffaċilita r-relazzjonijiet korporattivi u l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;
7. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tiffoka fuq proposti speċifiċi u prattiċi għal legiſlazzjoni li jkollha benefiċċji diretti għaċ-ċittadini – speċjalment f'perjodu li fih il-problemi ekonomiċi u soċjali qed jiżiedu – u li jgħinuhom b'mod konkret ħafna biex isolvu d-diffikultajiet li jiffaċċjaw ta' spiss minħabba l-kriżi ekonomika. Dawn id-diffikultajiet jinqalgħu l-iżjed fir-reġjuni transkonfinali inqas żviluppati fejn huwa iżjed diffiċli li ċ-ċittadini jwettqu l-attivitajiet ekonomiċi u soċjali tagħhom;

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Qafas ġdid tal-UE biex jiſsahhah l-Istat tad-Dritt COM (2014) 158 final, 11 ta' Marzu 2014.

8. iqis li sabiex id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha jkunu rispettati bis-sħiħ jinħtieġu ħidma kollettiva u ċara u responsabbiltà komuni fil-livelli kollha. Il-ħidma fil-qasam tad-drittijiet fundamentali għandha tinvolvi proċess fit-tul u kontinwu. Approċċ komuni sabiex dan jintlaħaq irid jissejjes kemm fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Jekk il-livelli differenti ma jaħdmux id fid, hemm il-periklu li jkunu esposti għall-estremiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija u ssir ħsara għall-iżvilupp pożittiv tal-UE kollha;

9. jenfasizza r-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-oqsma ta' politika tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Huma għandhom responsabbiltà kruċjali għall-implimentazzjoni ta' bosta elementi tal-leġislazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali u dak tal-UE; huma jiżviluppaw u jittestjaw soluzzjonijiet ġodda ta' politika; jappoġġjaw ir-residenti fl-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali tagħhom u jiġbru informazzjoni u esperjenza meħtieġa għall-iżvilupp addizzjonali tal-oqsma ta' politika. Għalhekk, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom kapaċità kbira biex jikkontribwixxu fil-fażijiet kollha ta' żvilupp tal-oqsma ta' politika, mill-ippjanar u l-implimentazzjoni sal-monitoraġġ u l-valutazzjoni;

10. jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għalhekk huma msieħba li huma meħtieġin bis-sħiħ fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill biex jirrikonoxxu b'mod espliċitu l-awtoritajiet lokali u r-reġjuni bħala msieħba sħaħ f'dawn l-oqsma ta' politika u jagħtuhom l-opportunità biex jerfgħu s-sehem tagħhom tar-responsabbiltà;

11. jemmen li l-politiki fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni għandhom jiġu kkoordinati u integrati mal-politiki l-oħra tal-UE. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar bejn il-kwistjonijiet relatati mal-ġustizzja u l-affarijiet interni minn naħa u l-politika ekonomika tal-UE, il-politika soċjali u l-politika esterna min-naħa l-oħra, sabiex jissaħħaħ ir-rispett tad-drittijiet fl-oqsma kollha u tiżdied il-konsistenza bejniethom. Il-politiki tal-ġustizzja u l-affarijiet interni għandhom jiġu kkoordinati mal-politika ekonomika u soċjali żviluppata mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fir-reġjuni inqas żviluppati, partikolarment fil-qasam tat-taħriġ u l-impjieg. Barra minn hekk, jaqbel mal-Kummissjoni li l-politiki tal-ġustizzja u l-affarijiet interni għandhom jiġu integrati fil-politika esterna globali tal-UE b'mod li jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u s-sinerġiji ma' oqsma oħra ta' politika tal-UE ⁽²⁾;

It-tisħiħ tal-Ewropa tad-drittijiet

12. huwa tal-fehma li l-awtoritajiet fil-livelli kollha għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-persuni kollha. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltà akbar biex joħlqu sensibilizzazzjoni mtejbja dwar id-drittijiet fundamentali, minħabba li huma qrib taċ-ċittadini;

13. jixtieq jenfasizza li l-bnedmin kollha għandhom drittijiet u libertajiet fundamentali irrispettivament mis-sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, u li l-hekk imsejja gruppi vulnerabbli bħat-tfal, il-migranti mingħajr dokumenti u daww li jfittxu asil u oħrajn dejjem jeħtieġu attenzjoni speċjali fil-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni;

14. jemmen li, sabiex niġġieldu kontra ż-żieda fl-estremiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija f'bosta Stati Membri tal-UE, tinħtieġ komunikazzjoni strateġika dwar ir-responsabbiltà konġunta fil-livelli differenti għar-rispett, il-ħarsien, it-tweqqi u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-konformità mal-obbligi internazzjonali komuni, kif ukoll il-benefiċċji fit-tul tal-akkoljenza ta' daww li qed ifittxu l-asil u tar-refuġjati;

15. huwa tal-fehma li l-għarfien dwar kif id-drittijiet fundamentali jitwettqu f'azzjoni Prattika huwa fattur ċentrali għall-ħolqien ta' żona ġudizzjarja Ewropea li tirrispetta u tippromovi d-drittijiet fundamentali, id-diversità u l-kooperazzjoni. Għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon il-gwida fuq l-Internet żviluppata mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali bil-għan li jiġu meġhuna l-uffiċjali pubbliċi tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali biex b'mod Prattiku jtejbju l-ħidma biex jiproteġu u jippromovu d-drittijiet fundamentali permezz ta' ħidma f'diversi livelli ⁽³⁾. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvesti riżorsi addizzjonali fl-iżvilupp, l-aġġornament u t-tixrid ta' għodod Prattiki ta' din in-natura bħala appoġġ għall-uffiċjali u rappreżentanti eletti fil-livelli differenti;

⁽²⁾ Komunikazzjoni dwar l-affarijiet interni: Ewropa miftuħa u sikura: kif naġhmluha realtà, COM(2014) 154 final.

⁽³⁾ <http://fra.europa.eu/en/joinedup/home>

16. jenfasizza, fid-dawl tar-rwol ċentrali, il-kapaċità kbira u l-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-bżonn ta' forum għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-atturi tas-soċjetà ċivili u livelli amministrattivi oħra (nazzjonali, Ewropej u internazzjonali). Ihegġegħ lill-UE tiffaċilita dan iżjed permezz ta' inizjattivi jew programmi mmirati;

17. jissuġġerixxi li r-rapport annwali tal-Aġenzija dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għandu jinkludi informazzjoni dwar kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali qed jimplimentawh. Dan jgħin biex jixħet dawl fuq l-oqsma fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom bżonn iżidu l-isforzi tagħhom u jsaħħu l-komunikazzjoni bejn il-livelli;

18. josserva li d-drittijiet fundamentali mhumieks biss kwistjoni għall-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni iżda prattikament id-direttorati ġenerali kollha. Sabiex isaħħaħ ir-rwol u n-natura orizzontali tagħhom, jehtiegħ li l-Kummissarji responsabbli għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jikkoordinaw id-drittijiet fundamentali mad-direttorati ġenerali kollha tal-Kummissjoni Ewropea;

19. huwa tal-fehma li l-iskop ta' din il-funzjoni ta' koordinatur għandu jkun li tirrikonċilja l-kompetenzi tad-direttorati ġenerali sabiex jiġu evitati għanijiet kunfliġġenti, tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali, isiru analiżijiet dwar id-drittijiet u l-ġeneru, tiġi kompilata d-data, l-Istati Membri jithegħgu jirratifikaw u jimplimentaw strumenti ewlenin tad-drittijiet fil-livell internazzjonali u reġjonali, jiġu kkonsultati diversi partijiet interessati u jiġi żgurat li jintużaw it-terminoloġija u l-komunikazzjoni t-tajba. Il-koordinazzjoni għandha tiġi żviluppata bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;

20. josserva li l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet fundamentali tista' tiġi ffaċilitata jekk id-drittijiet garantiti fil-Karta jkunu direttament applikabbli wkoll fl-Istati Membri;

21. jemmen li jehtiegħ li jissaħħaħ l-għarfien dwar id-drittijiet speċifiċi taċ-ċittadini tal-UE f'pajjiżi oħra tal-UE. L-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-moviment ħieles tal-persuni hija ċentrali biex iċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom jiġu garantiti d-dritt li jiċċaqilqu bejn l-Istati Membri u jgħixu fihom liberament;

22. josserva li d-dritt għall-moviment ħieles jista' jiġi ċċarat aktar. Kif tosserva l-Kummissjoni, iċ-ċittadini tal-UE ta' spiss jiffaċċjaw diversi problemi prattiċi u ġuridiċi meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet li huma għandhom fil-pajjiż li jgħixu fih f'pajjiż ieħor tal-UE⁽⁴⁾. Fl-istess ħin, għandhom jinstabu soluzzjonijiet aħjar għall-isfidi li l-moviment ħieles joħloq għall-muniċipalitajiet u/jew ir-reġjuni individwali. Anke f'dan ir-rigward, għandhom jintużaw miżuri u programmi mmirati;

Ewropa bbażata fuq id-drittijiet u s-solidarjetà f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet marbutin mal-migrazzjoni u l-asil

23. jenfasizza li l-UE għandha ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej tal-asil u l-migrazzjoni li huma bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, is-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u r-responsabbiltà kondiviża bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

24. jitlob li l-Ewropa tibqa' kenn għal dawk li jaħarbu persekuzzjoni jew huma fil-bżonn ta' protezzjoni. Il-ħtieġa li tinholq akkoljenza kkontrollata tal-migranti u li tiġi protetta l-integrità tal-fruntieri ma għandha qatt titħalla tieħu preċedenza fuq id-dritt li tinkiseb protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, ifakkar li l-kontroll u l-monitoraġġ tal-fruntieri tal-art u tal-ilmijiet m'għandux ifisser li jintesew l-obbligi fundamentali li jiġu salvati l-ħajjiet u rispettati d-drittijiet tal-bniedem;

25. huwa tal-fehma li kooperazzjoni li taħdem tajjeb u fiduċja fost il-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE f'dak li jirrigwarda l-kondiviżjoni tar-riżorsi u tal-kompetenzi huma indispensabbli għal sistema sostenibbli u adegwata għall-akkoljenza ta' dawk li qed ifittxu l-asil u tar-refuġjati. Attwalment, hemm xi nuqqasijiet fir-rigward ta' ċerti aspetti essenzjali f'din il-kooperazzjoni u dan huwa ta' xkiel serju għas-sistemazzjoni tal-persuni li jkunu għadhom kif waslu, kif ukoll twassal għall-periklu li thegħġegħ it-tendenzi ksenofobiċi; Essenzjalment, hemm l-istess ħtieġa għal kooperazzjoni effettiva fil-każ tal-akkoljenza ta' tipi oħra ta' migranti;

⁽⁴⁾ L-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020 – It-Tisħiħ tal-Fiduċja, tal-Mobbiltà u tat-Tkabbir fl-Unjoni, COM(2014) 144 final.

26. iħeġġeġ lil-livelli kollha tal-gvern fl-UE jaqsmu r-responsabbiltà li jilqgħu u jintegraw ir-refuġjati, u jitlob għal kooperazzjoni, koordinazzjoni u solidarjetà interreġjonali ikbar permezz tal-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, filwaqt li jitqiesu l-limiti strutturali, ir-riżorsi u fatturi rilevanti oħra; Ir-responsabbiltà għall-politika tal-asil u tar-refuġjati hija tal-Istati individwali, li jerfegħu wkoll ir-responsabbiltà ekonomika tal-akkoljenza. Il-kondiviżjoni tal-akkoljenza hija żbilanċjata wkoll fi ħdan l-Istati Membri u min Stat Membru għal ieħor u b'hekk xi awtoritajiet lokali u reġjonali jerfegħu responsabbiltà ikbar minn livelli oħra peress li jilqgħu parti kbira mill-persuni li jkun għadhom kif waslu; Il-Kumitat ifakkar li l-Unjoni Ewropea trid tqis id-diffikultajiet partikolari li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-Ewropa, li fi kwalunkwe ħin jistgħu jirrappreżentaw il-punt tad-dħul għal dawn il-migranti, li jeħtieġu tipi ta' għajjnuna u servizzi li f'ħafna każijiet jeċċedu l-kapaċitajiet ta' reġjuni individwali. Għalhekk, għandu jiġi introdott strument finanzjarju speċifiku li huwa intiż primarjament għar-reġjuni li jilqgħu l-migranti u għaż-żoni ta' tranżitu;

27. jinsab imħasseb dwar il-fatt li xi kultant l-Istati Membri tal-UE ma jirrispettawx il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (2010-2014) f'każijiet ta' akkoljenza ta' tfal minorenni migranti, refuġjati u li jkun qed ifittxu l-asil, kif ukoll minorenni li ma jkunux akkumpanjati; jenfazizza l-importanza ta' appoġġ reċiproku mill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex ikunu jistgħu jerfegħu sehem mir-responsabbiltà biex jiżguraw li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rispettati kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Pjan ta' Azzjoni msemmi hawn fuq jintemm fl-2014, u għaldaqstant jitlob li jinbeda l-proċess għat-tiġdid tiegħu;

28. josserva li, sa issa, l-Artikolu 80 tat-TFUE ma ntużax biex jittieħdu miżuri li jimplimentaw is-solidařjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà fir-rigward tal-mobilità; L-impnġi fir-rigward tar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni huma kompletament volontarji u, f'xi każijiet, ċerti bliet hađu l-inizjattiva biex japplikaw dawn l-impnġi fil-prattika;

29. huwa tal-fehma li d-diviżjoni żbilanċjata tal-persuni li qed ifittxu l-asil u tar-refuġjati bejn il-bliet u r-reġjuni u fi ħdan ir-reġjuni, u n-nuqqas ta' xogħol u ta' akkomodazzjoni huma sfidi kbar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. Huma wkoll sfidi kbar in-nuqqas ta' ppjanar bil-quddiem u l-possibbiltà li jsir ippjanar għall-akkoljenza fi żmien propizju. Is-soluzzjonijiet ad hoc sikwit ikollhom konsegwenzi soċjali negattivi, u dan jaffettwa l-possibbiltajiet li għandhom l-individwi li jagħmlu użu mill-għodod meħtieġa biex jibdeu il-proċess tal-integrazzjoni;

30. għalhekk jemmen li wasal iż-żmien biex b'mod iżjed ċar jiġi investigat x'jimplikaw responsabbiltà kondiviża u solidarjetà fil-qasam tal-asil. Huwa ċar li Stati, reġjuni u awtoritajiet lokali differenti jipprovdu argumenti differenti għal dak li huma jqisu bħala kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltajiet u s-solidařjetà abbażi taċ-ċirkustanzi u x-xewqat speċifiċi tagħhom. Dan jinvolvi kollox min-numru ta' daww li qed ifittxu l-asil li jaslu direttament, in-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil li jiġu pproċessati, is-sitwazzjoni finanzjarja, in-nuqqas tad-djar, akkoljenza iżjed bikrija, id-densità tal-popolazzjoni, eċċ. Jinvolvi wkoll jekk il-perspettiva hix fuq perjodu qasir jew twil ta' żmien;

31. jenfazizza l-bżonn li jkun hemm skambju tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-Istati Membri fir-rigward tal-proċess tat-trattament ta' daww li qed ifittxu l-asil u r-refuġjati, il-politiki tal-integrazzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. Josserva li dan jista' jiżgura li jiġu indirizzati minn isfel għal fuq kemm id-disparità fl-Istati Membri u r-reġjuni f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li fihom daww li qed ifittxu l-asil, ir-refuġjati jew il-migranti irregolari jiġu ospitati mal-wasla tagħhom, kif ukoll id-disparità fl-effiċjenza u l-ħeffa li bihom l-applikazzjonijiet u l-fajls jiġu pproċessati. Jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li l-muniċipalitajiet iż-żgħar ma għandhomx ir-riżorsi meħtieġa biex jitrattaw flussi kbar ta' migranti u, f'dan ir-rigward, jenfazizza l-importanza tas-solidařjetà fost il-muniċipalitajiet u jitlob għat-tisħiħ tal-Frontex għal kooperazzjoni ssemplifikata iżjed effettiva u msaħħa b'mod effiċjenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri u biex il-migranti jiġu protetti kif ukoll il-fruntieri esterni tal-UE;

32. għaldaqstant, sabiex isir progress fid-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet, jipproponi li jsir studju ta' riċerka biex jiġi ċċarat il-mod kif l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali differenti jiddefinixxu r-responsabbiltà kondiviża u s-solidařjetà, kif ukoll x'impatti jkollhom definizzjonijiet differenti li jintużaw f'xenarji differenti. L-istudju għandu janalizza wkoll kif distribuzzjoni attar ġusta tal-asil u l-akkoljenza tar-refuġjati fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-Istati tista' ssir realtà fl-UE;

33. jemmaen li huwa importanti wkoll li l-UE tibbenefika mir-riżorsi kbar li l-individwi li jkunu għadhom kif waslu jiġġeneraw. Ħidma ta' suċċess fil-qasam tal-integrazzjoni, bil-ġestjoni tad-diversità fil-livell lokali u reġjonali hija xprun għat-tkabbir, toħloq opportunitajiet ġodda tat-tagħlim u l-intraprenditorija u twitti t-triq għar-reqwiziti futuri tax-xogħol, kif ukoll tiffinanzja s-sistema tas-sigurtà soċjali għas-snin li ġejjin. Biex din il-politika twassal għall-benefiċċji, huwa kruċjali li jsir investiment fl-edukazzjoni u l-impjieg għall-migranti sabiex ikunu jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol tal-UE, kif ukoll fit-taħriġ dwar id-diversità kulturali u l-ġestjoni tagħha biex jinkiseb tibdil fl-attitudnijiet tal-popolazzjoni inġenerali u jittejjbu r-relazzjonijiet soċjali;

34. jenfasizza l-bżonn li l-frodi u l-abbuż jiġu indirizzati fil-livell tal-UE;

35. jemmaen li r-rati baxxi tat-twelid f'bosta Stati Membri u l-bidla ġenerazzjonali futura ser iwasslu għal żieda fil-bżonn ta' ċittadini li għandhom l-età tax-xogħol. L-akkoljenza tal-persuni li qed ifittxu l-asil u r-refuġjati tinvolvi mhux biss sfida iżda wkoll opportunitajiet kbar għall-Istati Membri tal-UE. L-UE għandha sempliċement issib tweġibiet kredibbli għall-isfidi demografiċi li qed tiffaċċja l-Unjoni;

36. josserva li kien hemm progress limitat fl-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar il-migrazzjoni legali. Ir-riżultat huwa li s-sistema tal-migrazzjoni tal-UE hija inkompleta ħafna. Għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-prijorità ta' approċċ komprensiv rigward kwistjonijiet ta' migrazzjoni, u li tingħata importanza kbira lill-promozzjoni ta' sħubija bbilanċjata u ġenwina mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu fir-rigward tal-akkoljenza tal-migranti b'mod organizzat u li jirrispetta d-drittijiet tagħhom;

37. huwa tal-opinjoni li l-kriminalità organizzata trid tiġi miġġielda wkoll fil-livell lokali permezz ta' inizjattivi soċjali u edukattivi: billi jintwera, speċjalment lill-abitanti ta' żoni ddominati mill-kriminalità organizzata, li huwa possibbli mudell ta' żvilupp differenti msejjes fuq it-trasparenza, il-parteċipazzjoni u d-demokrazija, u billi jiġi pprovdut appoġġ edukattiv b'mod partikolari liż-żgħażaġh li huma fil-periklu li jsiru parti minn strutturi illegali; u billi jiġi konfiskat id-dħul mill-kriminalità organizzata u jintuża minflok għal proġetti soċjali, entitajiet lokali u s-soċjetà ċivili. L-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u pubbliċi għandhom responsabbiltà kruċjali biex jikkooperaw f'dawn it-tipi ta' inizjattivi;

38. jaqbel mal-Kummissjoni li politika tal-migrazzjoni ġestita tajjeb tinkludi miżuri biex jitnaqqsu l-migrazzjonijiet irregolari⁽⁵⁾. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li l-migrazzjoni irregolari u l-assistenza lill-migranti irregolari ma jiġux kriminalizzati u li tingħata attenzjoni speċjali għal vittmi possibbli tat-traffikar tal-bnedmin. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jindirizzaw iċ-ċirkustanzi li jiffaċċjaw, fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, li fost affarijiet oħra għandu jfisser li jipprovdut servizzi lill-migranti irregolari;

39. jeħtieġ li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw il-possibbiltà li jiżviluppaw strutturi għall-iskambju tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-esperjenza u tal-prattiki tajbin rigward l-impjieg, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali bil-għan li tingħata viżibbiltà ikbar lid-dimensjoni lokali fil-politika tal-integrazzjoni. Forum għall-iskambju tal-għarfien huwa prerekwiżit għall-ħolqien ta' politika dinamika tal-integrazzjoni fi ħdan l-Unjoni li tiżgura d-drittijiet tal-migranti. Maż-żmien, forum ta' dan it-tip għandu jwassal wassal għal tnaqqis fid-differenzi bejn l-Istati Membri anke fil-qasam tal-integrazzjoni;

Ewropa sigura

40. jemmaen li, sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-problemi li jaffettwaw is-sigurtà tan-nies u jiksru d-drittijiet fundamentali, bħall-kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-droga u l-isfruttament sesswali tal-minorenni, il-prevenzjoni hija importanti daqs il-prosekuzzjoni. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar ir-rwol kruċjali li jaqdu l-atturi lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' strateġiji biex jimpedixxu l-kriminalità u biex jieħdu responsabbiltà għall-benesseri kontinwu tal-vittmi;

41. huwa tal-fehma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaqdu rwol aktar importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transkonfinali. Dan huwa dovut għall-fatt li, kulma jmur, ir-reati kriminali fl-ambjent lokali qed ikunu aktar marbutin mal-kriminalità organizzata internazzjonali u l-komunitajiet lokali huma l-ewwel vittmi tal-organizzazzjonijiet kriminali li jiddestabilizzaw l-istrutturi soċjali tagħhom. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jinbnew sistemi siguri u affidabbli biex in-nies u n-negozji jkunu jistgħu jużaw b'mod sħiħ il-potenzjal tal-Internet. Għaldaqstant, il-kooperazzjoni tal-Istati Membri maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) tal-Europol, għandha titwessa' għal-livell reġjonali u lokali, biex b'hekk tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità tal-informatika sa mil-livell ta' gvern li jinsab l-eqreb taċ-ċittadini;

⁽⁵⁾ Ewropa miftuħa u sikura: kif nagħmluha realtà. COM(2014) 154 final

42. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-korruzzjoni hija ta' interess speċjali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u ċ-ċittadini tagħhom. Għandu l-ħsieb li jkompli jiġġieled il-korruzzjoni fil-livelli kollha bil-kooperazzjoni ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet oħra billi jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE, pereżempju permezz tat-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew;

43. jappoġġja l-istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jikkontribwixxu bil-bosta għall-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija u minħabba r-rabtiet lokali tagħhom jistgħu jagħrfu s-sinjali li xi ħadd ikun vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Għalhekk, huwa favur li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jikkontribwixxu biex jiġu żviluppata linji gwida għall-identifikazzjoni tal-vittmi, il-protezzjoni tagħhom u l-garanzija tal-benesseri kontinwu tagħhom, partikolarment fil-każ tal-minorenni;

44. huwa tal-fehma li l-gvernijiet lokali huma msieħba importanti għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi li minnhom jaslu l-migranti. Il-kooperazzjoni internazzjonali transkonfinali bejn l-awtoritajiet lokali li jilqgħu lill-migranti jew l-applikanti għal asil u l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi ta' oriġini għandha tittejjeb u tiġi żviluppata b'mod konsiderevoli. Il-livell lokali jaqdi rwol importanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' akkoljenza u ta' ripatrijazzjoni.

Brussell, 25 ta' Ġunju 2014

Il-President tal-Kumitat tar-Reġjuni

Ramón Luis VALCÁRCEL SISO
